MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 213/2007/1

**Josie F. Sant**

**vs**

**Alfio Leotta**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti decizjoni *in parte* fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u disghin Lira Maltin (LM290) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi u materjal fornit in konessjoni mall-manifattura ta' 'tailor-made stainless steel manifold' kif ukoll l-iffitjar tal-istess 'manifold' mall-

magna u tiswijiet ohra maghmula lis-sistema tas-*silencer*, liema manifattura, ifittjar u tiswijiet gew ordnati minn Alfio Leotta stess fuq disinn tieghu u lilu debitament moghtija u liema somma huwa ghadu ma hallasx minkejja lli gie debitament notifikat u interpellat.

Bl-Ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' Ottubru, 2006, tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru, 2006 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment ma din it-talba, inkluzi kull spiza ohra li tigi nkorsa fit-tehid ta' proceduri legali ulterjuri.

Bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Leotta fejn issolleva lli l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol rez mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi;

Ra lli fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2007 l-Avukat difensur tal-konvenut irrileva eccezjoni ulterjuri lli l-attur f'din il-kawza m'ghandux l-interess guridiku skond il-ligi illi jressaq din l-azzjoni;

Sema' l-provi fuq l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Sant, Josie Sant u Alfio Leotta u ra  x-xhieda dokumentali pprezentato fl-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

It-Tribunal, sema' lill-attur jispjega kif huwa  fil-kummerc   maghruf bhala Josie Silencers. Spjega kif il-konvenuta kien avvicina lilu sabiex jaghmillu bicca xoghol partikolari fejn kellu bzonn 'performance manifold' fuq magna ta' vettura tip 'Lancia.' L-Attur spjega kif il-'work shop' huwa tieghu u li  t-tifel tieghu u cioe' Joseph Sant,

jahdem fil-work shop u huwa impjegat tieghu. Spjega lli l-konvenut kien tkellem id-dettalji tax-xoghol ma ibnu peress illi ibnu kien bniedem tas-sengha li kien ha jahdem dan il'manifold' huwa stess.

Joseph Sant iben l-attur xehed kif huwa gie nkarigat biex jibni 'stainless steel manifold' ghal fuq 'silencer.' Ix-xhud qal illi l-konvenut kien qabbad lilu u spjega x-xoghol lilu.

It-Tribunal, sema' xhieda tal-konvenut fejn qal illi huwa kien innegozja ma iben l-attur kien spjega ix-xoghol li kellu jsir lit-tifel tal-attur u li kien iben l-attur illi ghamel il-'manifold' partikolari rikjest mill-konvenut. Id-dettalji tad-disinn kien taghhom lill-iben l-attur. Il-konvenut jghid illi kien jaf lill-attur 'di vista' biss u qatt ma kien ikkomunika mieghu dwar dan il-manifold. Hu kien beda jiddiskuti mall-attur biss meta inqalghu l-problemi dwar il-'manifold' peress illi ma kienx kuntent bix-xoghol li kien sar.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li r-relazzjoni kienet mall-attur u mhux ma iben l-attur kif eccepixxa ulterjorment il-konvenut.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni li l-attur f'din il-kawza m'ghandux l-interess guridiku skond il-ligi illi jressaq din l-azzjoni u jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din il-kawza.

Spejjez a karigu tal-konvenut.**"**

Minn din is-sentenza parzjali appella l-konvenut biex jikkontesta l-konkluzjoni tat-Tribunal li cahadlu l-eccezzjoni ulterjuri tieghu tal-karenza ta' l-interess guridiku fl-attur. Huwa jissottometti fuq il-bazi tal-provi kif rikostruwiti u analizzati minnu illi t-Tribunal kellu jasal ghal

konkluzjoni ben diversa. Jissottometti wkoll illi s-sentenza minnu impunjata hi nieqsa minn motivazzjoni adegwata;

Ghal dan l-aggravju l-attur iwiegeb bil-mod segwenti:-

(1) L-appell mhux ammissibbli ghax fis-sustanza ma jinkwadrax ruhu f' ebda wahda mill-ipotesijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380. Dan la direttament u lanqas tangenzjalment;

(2) Bla pregudizzju, l-appellant lanqas ma kellu dritt iressaq dik l-eccezzjoni ulterjuri tieghu, kemm ghaliex din ma tressqetx skond il-formalita` preskritta izda merament bil-fomm, kemm ghaliex ukoll ma gietx sollevata *in limine litis*;

Huwa xieraq illi jigu registrati bi preliminari l-aspetti guridici li gejjin:-

(1) Il-*legitimatio ad causem,* intiza bhala dak l-interess guridiku li wiehed jagixxi jew li jikkontradici, tikkonfigura ruhha bhala kondizzjoni bazika konsistenti f' dik ta' l-esigenza li wiehed jottjeni ghalih rizultat utli u guridikament apprezzabbli. Ara a propozitu "**Veronica Farrugia *et* -vs- Mary Buhagiar *et***", Appell Kummercjali, 2 ta' April, 1993;

(2) "*Il requisito dell' interesse è indispensabile per la proponibilita` di domanda in qualunque sede di giurisdizione contenziosa, e quindi senza distinzione innanzi agli organi delle varie giurisdizioni speciale come innanzi la giurisdizione civile ordinaria*". Ara "**Giuseppe Micallef Goggi -vs- Procuratore Legale Emmanuele Armando Mifsud *et***", Appell Civili, 12 ta' Mejju, 1930;

(3) L-accertament u l-valutazzjoni ta' dan l-interess irid isir bi stharrig preliminari "*sull' idoneita astratta della pronuncia richiesta al conseguimento del risultato utile sperato*". Tali ezercizzju hu distint minn dak ta' l-apprezzament relattiv ghad-dritt sostantiv migjub fil-

gudizzju. Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar, 2006 fl-ismijiet "**Joseph Micallef -vs- Peter Mifsud *et***";

Minn dawn l-aspetti preliminari jsegwi illi l-interess guridiku hu element fundamentali anke fil-kawzi quddiem it-Tribunal adit u, fuq kollox, li dan l-istess interess, jew in-nuqqas tieghu, jrid jigi apprezzat in relazzjoni ghat-talba proposta. Jigifieri, f' relazzjoni ghar-rapport ta' l-utilita` oggettiva bejn il-lezjoni tad-dritt affermat u dak tat-tutela gurisdizzjonali mitluba, u mhux ukoll ghall-opinjoni tal-parti;

Premess dan kollu, jidher mill-qari tas-sentenza appellata - anke jekk f' dan it-Tribunal messu kien aktar car u spjegattiv - illi t-Tribunal illimita ruhu ghall-ezami ta' x' gie kkontrattat, ma' min sar in-negozju, u dak tar-rappoprt intern bejn l-attur u ibnu, impjegat tieghu fil-*workshop* fejn sar ix-xoghol kommissjonat. Minn dawn il-konstatazzjonijiet u tal-valutazzjoni minnu maghmula l-istess Tribunal gibed il-konkluzjoni illi l-attur appellat kellu dak l-interessament guridiku li jiggwadanja utilita` konkreta mill-eventwali akkoljiment tat-talba tieghu. Tali verifika u apprezzament preliminari kienu certament jaqghu fil-poter diskrezzjonali tieghu u jkollu jinghad, minn dan il-punto di vista illi l-motivazzjoni tieghu, anke jekk skematika, ma tistax titqies deficjenti. Ghallanqas sa dak l-istadju tad-decizjoni tieghu t-Tribunal deherlu, tajjeb jew hazin, li kien jezisti fl-attur appellat dak l-element karatterjali importanti ta' l-interess guridiku, ossija l-attwalita` tieghu. Jekk imbaghad dan l-istess element jibqax jissussisti wkoll sa l-ahhar tal-kawza hi haga ohra, li ma tinteressax il-kwestjoni hawn investigata;

Issa dan il-gudizzju tat-Tribunal konsegwit ghal dik l-indagini preliminari tieghu ma jidherx li jattira lejh l-ammissjoni ta' l-appell minnu, konsidrat il-parametri verament stretti ghal liema hu koncess lill-parti sokkombenti dritt ta' appell minn decizjonijiet tat-Tribunal skond l-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995, ghal kaz fejn il-

valur tat-talba jkun inferjuri ghal hames mitt lira. Fil-verita`, eliminati l-para. (a), (b) u (c) tal-precitat artikolu, li ma jghoddux ghal kaz, hu ferm difficli li jigi riskopert f' dak il-gudizzju preliminari accertativ ta' l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa, u dejjem fil-konfini tal-principju informatur tal-materja, xi ksur tar-regoli ta' l-imparzjalita` jew tad-dritt ekwitativ u dak tar-ragonevolezza. Sostantivament, imbaghad, dak l-istess gudizzju qajla gab xi pregudizzju serju lill-jeddijiet ta' l-appellanti;

Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tinoltra ruhha fis-sottomissjonijiet l-ohra ta' l-attur appellat, hlief forsi biex tikkummenta illi dawk l-istess sottomissjonijiet ma jirrizultawx mill-atti li tqanqlu quddiem it-Tribunal u la kienu jifformaw kontroversja u lanqas dibattuti jew analizzati fis-sentenza appellata. Naturalment, b' daqshekk, il-Qorti ma trid tnaqqas xejn mill-importanza taghhom anke ghaliex huma punti valevoli hafna li jindirizzaw aspetti interessanti tal-modalita ta' l-eccezzjoni u ta' l-istadju li fih l-eccezzjoni tal-karenza ta' l-interess guridiku tista' tigi sollevata. Sfortunatament, ghal dik ir-raguni l-ohra esposta, il-Qorti ma tarax lanqas li hu lecitu li tokkupa ruhha minnhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti. Tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghal kontinwazzjoni u definizzjoni minnu tat-talba attrici u ta' l-eccezzjoni principali ghaliha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------